# Key Features Document

# Karatteristiċi Ewlenin

Retirement Pension Plan –
Unit-Linked

HSBC
Insurance

**General Definitions**

**Actuary:** a business professional who provides expert advice on insurance premiums, reserves, dividends and bonuses.

**Age:** when referring to Age, the Policy refers to the "age next birthday", meaning the age of the Life Assured on his/her birthday after the Commencement Date.

**Beneficiary:** the Policyholder or any other person designated as a Beneficiary of the Policy to whom Policy proceeds or any part of them are payable and includes the Beneficiary's heirs or legatees, as the case may be.

**Brochure:** the Brochure relating to the Plan to which these PT&Cs refer and may be updated from time to time.

**Commencement Date:** the Commencement Date indicated in the Policy Schedule.

**Endorsement:** a document We issue which shows any changes to the Policy Schedule and the terms and conditions of the Policy.

**Key Features Document:** the Key Features Document relating to the Plan to which these PT&Cs refer and as may be updated from time to time.

**Guaranteed Life Assurance:** if the Life Assured dies before taking their retirement benefits, the policy will pay out the value of the policy account or the Guaranteed Life Assurance of €2,500 whichever is the greater.

**Life Assured:** the person indicated in the Policy Schedule upon whose death the proceeds under the Policy are payable.

**Lump Sum:** a tax free lump sum of up to 30% of the value of the Plan taken out as a cash lump sum or a series of tranches in accordance with clause 20 of the PT&Cs.

**Policy Anniversary:** any annual anniversary after the Commencement Date.

**Policyholder/You/Your:** you, heirs or legatees, as the case may be.

**Policy Schedule:** that part of the Policy containing the details of the Policyholder, Life Assured, Beneficiaries, Premium and the cover provided.

**Policy Year:** every yearly period, which begins from the Commencement Date or the respective date of the Policy Anniversary.

**Premium:** the sum payable by You indicated in the Policy Schedule.

**Definizzjonijiet Ġenerali**

**Attwarju:** professjonist tan-negozju li jipprovdi parir speċjalizzat fil-primjums tal-assigurazzjoni, riservi, dividends u bonusis.

**Età:** meta tirreferi għall-Età, il-Polza tkun qed tirreferi għal kemm-il sena jkun imissu jagħlaq l-Assigurat f'għeluq sninu wara l-Bidu tal-Polza.

**Benefiċjarju:** id-Detentur tal-Polza jew persuna nominata bħala Benefiċjarju tal-Polza lil min jitħallsu l-flus tal-polza jew parti minnhom u jinkludi wkoll l-eredi tal-Benefiċjarju jew legatarji, skont il-każ.

**Brochure:** il-*Brochure* dwar il-Pjan li għalih jirreferu dawn it-termini u kundizzjonijiet, u jista' jiġi aġġornat minn żmien għal żmien.

**Data tal-Bidu tal-Polza:** id-Data tal-Bidu tal-Polza indikata fl-Iskeda tal-Polza.

**L-Endorsement:** dokument li noħorġu Aħna u li juri kull tibdil fl-Iskeda tal-Polza u t-termini u kundizzjonijiet tal-Polza.

**Dokument tal-Karatteristiċi Ewlenin:** id-Dokument tal-Karatteristiċi Ewlenin li għandu x'jaqsam mal-Pjan li jirreferu għalih it-termini u kundizzjonijiet u li jista' jkun aġġornat minn żmien għal żmien.

**Assigurazzjoni Garantita fuq il-Ħajja:** jekk il-persuna assigurata tmut qabel tieħu l-benefiċċji tal-irtirar, il-polza tħallas l-ogħla ammont bejn il-valur li jkun hemm fil-kont tal-polza u l-Assigurazzjoni Garantita fuq il-Ħajja ta' €2,500.

**Il-Persuna Assigurata:** il-persuna indikata fl-Iskeda tal-Polza li mal-mewt tagħha jitħallsu l-flus tal-Polza.

**Somma waħda f'daqqa:** somma waħda f'daqqa mingħajr tnaqqis ta' taxxa sa 30% tal-valur tal-Pjan meħuda bħala somma f'daqqa jew f'serje ta' porzjonijiet skont il-klawżola 20 tal-PT&Cs.

**L-Anniversarju tal-Polza:** kwalunkwe anniversarju minn wara d-Data tal-Bidu tal-Polza.

**Id-Detentur tal-Polza/Int/Tiegħek:** int, l-eredi jew il-legatarji tiegħek, skont il-każ.

**L-Iskeda tal-Polza:** dik il-parti tal-Polza li fiha d-dettalji tad-Detentur tal-Polza, tal-Persuna Assigurata, tal-Benefiċjarji, tal-Primjum u l-kopertura pprovduta.

**Is-Sena tal-Polza:** kull perjodu ta' sena, li jibda mid-Data tal-Bidu tal-Polza jew id-data rispettiva tal-Anniversarju tal-Polza.

**Primjum:** is-somma li tħallas Int hekk kif indikat fl-Iskeda tal-Polza.

**Programmed Withdrawals:** programmed withdrawals shall be paid to You from the funds available in your Policy after You have availed Yourself of the Lump Sum payment. These payments are permitted from the Plan not earlier than age 61 and not later than age 70, providing the Plan has been in force for at least 10 years. Programmed withdrawals shall be based on publically available annuity/drawdown rates. We shall ensure that the said annuity/drawdown rates are based on sound and prudent actuarial principles.

**Proposal Form:** the Proposal Form You have completed and signed as well as any other information given to Us by You.

**Notional Allocation:** means a notional entitlement that quantifies the value of the Plan by reference to the value of HLM Fund(s) to which Your Plan is linked.

**We/Us/Our/Ourselves/Company:** means HSBC Life Assurance (Malta) Limited.

**HLM Funds Definitions**

**Bid Price:** shall be the price, as determined by Us, at which a Unit in any particular HLM Fund is valued, redeemed and cancelled.

**Bid Value:** in relation to any particular HLM Fund, is the sum of the Units notionally allocated to Your Plan multiplied by the Bid Price of a Unit in any such HLM Fund.

**HLM Funds:** our funds consisting of the HLM Unit-Linked Funds, divided into Units which may be linked to Your Plan.

Not all funds may be available for investment at all times.

**Offer Price:** shall be the price of a Unit in any particular HLM Fund as We may determine.

**Units:** each HLM Fund will be divided into Units of such class or classes as We may determine from time to time. All Units within the same class of an HLM Fund will be of equal value.

**Valuation Day:** the days on which HLM Fund assets are valued and Bid Prices and Offer Prices are calculated.

**Ġbid programmat:** il-flus fi ġbid programmat jitħallsu Lilek mill-fondi li jkollok fil-Polza wara li Int tkun ħadt il-pagament tas-somma waħda f'daqqa. Dawn il-pagamenti programmati huma permessi mill-Pjan mhux qabel l-età ta' 61 sena u mhux aktar tard mill-età ta' 70 sena, dejjem jekk il-Pjan ikun ilu fis-seħħ għal mill-inqas 10 snin. Il-ġbid programmat ikun ibbażat fuq ir-rati ta' annwalità/ġbid pubbliċi. Aħna nassiguraw li dawn ir-rati ta' annwalità/ġbid ikunu bbażati fuq prinċipji attwarjali tajbin u prudenti.

**Il-Formula tal-Proposta:** il-Formula tal-Proposta li Int imlejt u ffirmajt, u kull informazzjoni li tajtna.

**Allokazzjoni nozzjonali:** tfisser dritt nozzjonali li jikkwantifika l-valur tal-Pjan b'referenza għall-valur tal-HLM Fund(s) li magħhom il-Pjan tiegħek huwa marbut.

**Aħna/Lilna/Tagħna/il-Kumpanija:** jirreferu għal HSBC Life Assurance (Malta) Limited.

**Definizzjonijiet tal-HLM Funds**

**Il-Prezz tal-*Bid*:** il-prezz, determinat Minna, li skontu jkun valutat, mifdi jew kanċellat *Unit*.

**Il-Valur tal-*Bid*:** is-somma tal-*Units* nozzjonalment allokati għall-Pjan Tiegħek immultiplikata bil-Prezz tal-*Bid* ta' *Unit* fi ħdan *HLM Fund*, fir-rigward ta' kwalunkwe *HLM Fund* partikulari.

**L-*HLM Funds*:** il-fondi tagħna li jikkonsistu fl-HLM Unit-Linked Funds, maqsumin f'Units li jistgħu jintrabtu mal-Pjan Tiegħek.

Hemm possibbiltà li xi fondi ma jkunux dejjem miftuħin għall-investiment.

**Il-Prezz tal-*Offer*:** il-prezz ta' *Unit* f'xi *HLM Fund* partikulari skont kif niddeterminaw Aħna.

***Units*:** kull *HLM Fund* jinqasam f'*Units* ta' ċerta klassi skont kif niddeterminaw Aħna minn żmien għal żmien. Il-*Units* kollha fi ħdan l-istess klassi ta' *HLM Fund* ikunu tal-istess valur.

**Data tal-Valutazzjoni:** il-ġranet li fihom jiġu valutati l-assi tal-*HLM Fund* u meta jkunu kkalkulati l-Prezzijiet tal-*Bids* u l-Prezzijiet tal-*Offers*.

## Key features

This document outlines the main features of the HSBC Life Assurance (Malta) Ltd's Retirement Pension Plan – Unit-Linked product (hereafter to be referred to as the 'Plan'). You should read it in conjunction with the Brochure and Your personal quotation. Please read it carefully and keep it with Your policy documents. Full details are contained in the Policy Terms and Conditions. A copy is available on request from HSBC Life Assurance (Malta) Ltd (hereinafter referred to as 'HSBC Life').

Any dispute relating to this Plan shall be subject to the exclusive jurisdiction of the Maltese courts. All plans are governed by the laws of Malta. Where there are any discrepancies between the English version and the Maltese version of this Key Features Document, the English version shall prevail.

Terms defined in the Key Features Document shall have the same meaning as provided for in the Policy Terms and Conditions except if specifically defined herein.

### What is a Retirement Pension Plan – Unit-Linked?

The Plan is a personal savings policy designed for Your retirement. It is a long term contract of insurance which accepts both regular and lump sum contributions and qualifies for tax credits on contributions. The Plan may be suitable for people who are either employed or self-employed. You may commence a Plan for Your spouse/partner providing the tax credit eligibility criteria is met.

### Aims of the Plan

The Plan is a unit-linked life assurance investment Plan with a range of local and international sub funds underlying the HLM Unit-Linked funds ("Funds"). Therefore being a cost-effective route to indirectly invest in global and local financial markets.

The Plan offers the flexibility to switch between Funds allowing You to react to market developments.

The Plan aims to build up a sum of money which will be used to provide a tax-free cash sum (up to 30%) when You retire and a regular income in order to supplement the state pension.

### Risk factors of the Plan

- If You transfer the Plan to another qualifying scheme during the first five years, transfer charges apply.
- The underlying Funds in which You can choose to invest Your contributions have different levels of risk.
- Inflation reduces the purchasing power of the value of Your Plan.

## Karatteristiċi ewlenin

Dan id-dokument jagħti ħarsa lejn il-karatteristiċi ewlenin tal-Pjan ta' Pensjoni tal-Irtirar – *Unit-Linked* ta' HSBC Life Assurance (Malta) Ltd. ('il quddiem imsejjaħ 'il-Pjan'). Għandek taqra dan id-dokument flimkien mal-*Brochure* u mal-kwotazzjoni personali Tiegħek. Inħeġġuk taqrah sew u żżommu mad-dokumenti tal-pjan Tiegħek. Issib id-dettalji sħaħ fit-Termini u Kundizzjonijiet tal-Polza. Tista' titlob li tingħatalek kopja tagħhom mingħand HSBC Life Assurance (Malta) Ltd ('il quddiem imsejħa 'HSBC Life').

Kull tilwima fir-rigward ta' dan il-Pjan taqa' esklussivament taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Il-Pjani kollha huma regolati skont il-liġijiet ta' Malta. Fejn hemm xi diskrepanzi bejn il-verżjoni bl-Ingliż u dik bil-Malti tad-Dokument tal-Karatteristiċi Ewlenin, tipprevali l-verżjoni bl-Ingliż.

It-termini użati fid-Dokument tal-Karatteristiċi Ewlenin għandhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fit-Termini u Kundizzjonijiet tal-Polza, ħlief fejn tingħata definizzjoni speċifika f'dan id-dokument.

### X'inhu l-Pjan ta' Pensjoni tal-Irtirar – *Unit-Linked*?

Dan il-Pjan huwa polza ta' tfaddil personali ddisinjata għall-irtirar Tiegħek. Huwa kuntratt ta' assigurazzjoni fit-tul li jaċċetta ħlasijiet b'mod regolari, kif ukoll ħlas permezz ta' somma waħda f'daqqa, u hekk kif titħallas il-kontribuzzjoni, jikkwalifika għal tnaqqis f'kemm għandha titħallas taxxa. Dan il-Pjan jista' jkun xieraq għal nies li huma qiegħda, jew jaħdmu għal rashom. Tista' tibda l-Pjan għall-konjuġi/sieħeb/sieħba Tiegħek, dejjem jekk jintlaħqu l-kriterji ta' eliġibbiltà għat-tnaqqis f'kemm għandha titħallas taxxa.

### L-għanijiet tal-Pjan

Il-Pjan huwa pjan *unit-linked* ta' investiment għas-sigurtà fuq il-ħajja, li għandu firxa ta' *sub funds* lokali u internazzjonali li huma l-bażi tal-*HLM Unit-Linked funds* ('Fondi'). B'hekk huwa rotta ekonomika biex isir investiment indirett fis-swieq finanzjarji globali u lokali.

Il-Pjan joffri l-flessibbiltà li taqleb minn Fond għal ieħor biex tkun tista' tirreaġixxi għall-iżviluppi fis-suq.

Il-Pjan jimmira li jgħaqqad somma flus li mbagħad tintuża bħala somma flus kontanti mingħajr taxxa (sa 30%) meta Int tirtira u wkoll bħala dħul fuq bażi regolari li jiżdied mal-pensjoni tal-istat.

### Il-fatturi tar-riskju tal-Pjan

- Jekk Int tittrasferixxi l-Pjan għal skema oħra li tikkwalifika matul l-ewwel ħames snin, tkun trid tħallas xi *transfer charges.*
- Il-Fondi li jiffurmaw il-bażi ta' fejn Int tagħżel li tinvesti l-kontribuzzjonijiet Tiegħek għandhom livelli differenti ta' riskju.
- L-inflazzjoni tnaqqas il-poter tal-akkwist tal-valur tal-Pjan Tiegħek.

- The value of Your Plan when You retire may be less than illustrated if:
  - Investment performance is lower than illustrated
  - There are any amendments to the tax rules and/or pension legislation
  - You stop payments into the Plan, or reduce payments
  - Plan charges increase

To be read in conjunction with 'What will affect my return?' contained in the Brochure.

**Risk Factors of the HLM Unit-Linked Funds**

- Past performance is not necessarily a guide to future performance. The value of investments and the currency in which they are denominated may go down as well as up and You may not get back Your original investment.

**Liquidity Risk**

The illiquidity of some of the underlying funds within the Policy that could arise from the markets and/or securities in which the underlying funds invest, may create potential risks for investors in that the underlying fund/s may sometimes experience delays in liquidating assets in order to maintain their own liquidity requirements. In such case, the HLM Unit-Linked Fund investing in that underlying fund may in turn experience delays to liquidate its units within the underlying fund/s. In such circumstances, HSBC Life has the right to suspend any programmed withdrawals in the Policy until the underlying Fund/s regain their liquidity. This could result in the delay in the payment of Policy income.

**When will the Plan pay out?**

The Plan will pay out when You decide to start taking Your benefits subject to the following restriction:

The minimum age at which You can start taking out the benefit from Your Plan is not earlier than age 61 and not later than age 70. Alternatively benefits will be paid out to the Beneficiary of the Plan upon the death or permanent invalidity of the Life Assured. In these instances the Company will pay the Policyholder or the designated Beneficiary the Bid Value of the investment. If the Life Assured dies during the term of the Plan (the 'term'), We will pay the benefit to the designated Beneficiary. If no Beneficiaries are assigned, the Plan will pay to the Policyholder's Heirs at law, the higher sum of the Guaranteed Life Assurance or the Bid Value of units.

- Il-valur tal-Pjan Tiegħek meta Int tirtira jista' jkun inqas minn kemm indikat jekk:
  - Ir-riżultati tal-investiment huma inqas minn dawk indikati
  - Hemm xi emendi fir-regoli tat-taxxa u/jew fil-leġiżlazzjoni tal-pensjonijiet
  - Int twaqqaf il-pagamenti għall-Pjan, jew tnaqqashom
  - L-ispejjeż tal-Pjan jiżdiedu

Dan għandu jinqara flimkien mas-sezzjoni 'X'se jeffettwa r-ritorn tiegħi?' f'dan il-*Brochure*.

**Fatturi ta' riskju tal-*HLM Unit-Linked Funds***

- Ir-riżultati tal-passat ma jservux neċessarjament ta' gwida għar-riżultati tal-futur. Il-valur tal-investimenti u l-muniti li huma denominati fihom jistgħu jitilgħu kif ukoll jinżlu, u jista' jkun li ma tirkuprax l-ammont oriġinali li tkun investejt.

**Riskju ta' Likwidita**

Id-diffikulta biex ċerti fondi sottostanti fi ħdan il-Polza jiġu likwidati minħabba s-swieq u/jew titoli li jinvestu fihom il-fondi sottostanti tista' toħloq riskji potenzjali għall-investituri minħabba li l-fond/i sottostanti kultant jistgħu jesperjenzaw dewmien fil-likwidazzjoni tal-assi biex iżommu r-rekwiżiti tal-likwidita tagħhom. F'dan il-każ, l-HLM Unit-Linked Fund li jkun qed jinvesti f'dak il-fond sottostanti jista' jesperjenza dewmien biex jillikwida l-units tiegħu fi ħdan il-fond/i sottostanti. F'ċirkostanza bħal din, HSBC Life għandha d-dritt tissospendi x-xiri u l-bejgħ tal-Units fil-Polza sakemm il-Fond/i sottostanti jiksbu lura l-likwidita tagħhom. Dan jista' jwassal għal dewmien fil-pagament tal-benefiċċji tal-Polza maċ-ċediment tal-Polza jew meta ssir talba għal ġbid parzjali tal-Polza.

**Il-flus tal-Pjan meta neħodhom?**

Il-flus tal-Pjan teħodhom meta Int tiddeċiedi li tibda tieħu l-benefiċċji Tiegħek iżda b'dawn ir-restrizzjonijiet:

L-iżgħar età meta Int tista' tibda tibbenefika mill-Pjan Tiegħek mhux qabel l-età ta' 61 sena u mhux aktar tard mill-età ta' 70 sena. Il-Benefiċjarju tal-Pjan jitħallas il-benefiċċji mal-mewt tal-Persuna Assigurata jew jekk din tidħol fi stat ta' invalidità permanenti. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Kumpanija tħallas lid-Detentur tal-Polza jew lill-Benefiċjarju nominat il-Valur tal-*Bid* tal-investiment. Jekk il-Persuna Assigurata tmut waqt it-terminu tal-Pjan ('it-terminu'), Aħna nħallsu l-benefiċċju lill-Benefiċjarju nominat. Jekk ma jkunx hemm Benefiċjarji assenjati, il-Pjan iħallas lill-Eredi tad-Detentur tal-Polza skont il-liġi l-ogħla somma bejn l-Assigurazzjoni Garantita fuq il-Ħajja u l-Valur tal-*Bid* tal-*units*.

**Important Notice**

The Plan is designed as a savings plan for retirement purposes and an early surrender of the Plan is not allowed. This product is therefore a long term commitment and You must bear in mind that You will not be able to access any benefit from the Plan not earlier than age 61 and before 10 years have passed from the commencement date of Your Plan. Additionally You will not be allowed to take any benefit if you have not done so by not later than age 70.

**Important considerations**

The Policy Terms and Conditions shall constitute the contract between You and Us. This document, which includes full details of the Plan, is available on request from Us. This document should not be used as a basis for making a decision on Your investment but should be used in conjunction with the Fund fact sheets and Key Information Documents (KID) and Investment Option Information Documents. These are available at any HSBC Branch in Malta and Gozo, directly from the Company or online by visiting www.hsbc.com.mt.

This document has been prepared on Our understanding of current legislation, tax laws and Inland Revenue practice at the time of publication.

The applicable laws and legislation may change in the future.

We have taken all reasonable care to ensure that the details provided are accurate. To the best of its knowledge, no other material facts have been omitted which could make this document misleading in any respect.

This product is a unit-linked insurance Plan and as with other unit-linked insurance plans, the money invested is not guaranteed except the sum assured paid out in the case of death or the Bid Value of the units, if higher than the sum assured.

The investment element of the money paid into Your unit-linked Plan is invested by the Funds of Your choice. Each of the Funds offered by this Plan is linked to underlying assets which have different degrees of risks and rewards, depending on Your investment objectives. The value of Your Plan when benefits are accessed or at transfer date will depend on the market value of the accumulated units of Your chosen Funds and is not guaranteed. The value of Your unit-linked Plan can go down as well as up and You may get back less than You invested.

**Avviż importanti**

Il-Pjan huwa ddisinjat bħala pjan ta' tfaddil għall-irtirar u ma jistax jingħalaq qabel il-waqt. Għaldaqstant, dan il-prodott huwa impenn għat-tul u Int trid tiftakar li ma tistax taċċessa l-ebda benefiċċju mill-Pjan qabel tagħlaq 60 sena u qabel ikunu għaddew 10 snin mid-data tal-bidu tal-Pjan Tiegħek. Barra minn hekk, Int m'int se titħalla tieħu l-ebda benefiċċju jekk ma tkunx għamilt dan sa mhux iżjed tard mill-età ta' 70 sena.

**Konsiderazzjonijiet importanti**

It-Termini u Kundizzjonijiet tal-Polza jikkostitwixxu l-kuntratt Bejnek u Bejnna. Tista' titlobna kopja ta' dan id-dokument, li jinkludi d-dettalji kollha tal-Pjan. Dan id-dokument m'għandux jintuża biex fuqu tibbaża d-deċiżjonijiet tal-investiment Tiegħek, imma għandek tużah flimkien mal-*Fund fact sheets*. Dawn tista' ssibhom fi kwalunkwe fergħa tal-HSBC f'Malta u Għawdex, iġġibhom direttament mingħand il-Kumpanija, jew billi żżur is-sit www.hsbc.com.mt.

Dan id-dokument tħejja fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni li hemm illum u tal-liġijiet u prattika uffiċjali dwar it-taxxa skont kif inhuma u skont kif nifhmuhom Aħna fid-data tal-pubblikazzjoni.

Il-liġijiet u l-leġiżlazzjoni li japplikaw jistgħu jinbidlu fil-futur.

Aħna tajna l-attenzjoni kollha li kien jixraq biex nassiguraw li d-dettalji mogħtija jkunu korretti u sa fejn nafu, ma tħalla barra ebda fatt materjali hekk li dan id-dokument ikun b'xi mod ta' diżgwid.

Dan il-prodott huwa Pjan ta' assigurazzjoni *unit-linked* u bħal pjani ta' assigurazzjoni *unit-linked* oħrajn, il-flus investiti fih mhumiex garantiti, ħlief is-somma assigurata li titħallas f'każ ta' mewt jew il-*Bid Value* tal-*units* jekk ikun ogħla mis-somma assigurata.

L-investiment bil-flus imħallsa għall-Pjan *unit-linked* Tiegħek isir permezz tal-Fondi tal-għażla Tiegħek. Kull Fond offrut minn dan il-Pjan huwa marbut ma' assi li jiffurmaw il-bażi tiegħu u li għandhom gradi differenti ta' riskji u ħlas lura, skont l-għanijiet tal-investiment Tiegħek. Il-valur tal-Pjan Tiegħek meta tieħu l-benefiċċji jew meta jsir trasferiment jiddependi mill-valur fis-suq tal-*units* akkumulati tal-Fondi li tkun għażilt u mhuwiex garantit. Il-valur tal-Pjan *unit-linked* Tiegħek jista' jinżel kif ukoll jitla' u Int tista' tieħu lura inqas minn kemm tkun investejt.

## Section 1: Product Features

### Table 1 – General Features

| | |
|---|---|
| Type of Plan | The Plan offers You the possibility to invest in a number of HLM Unit-Linked funds. |
| Minimum Duration before You can start benefiting from the Plan | 10 years from the Commencement Date of the Plan and not earlier than age 61.<br>The Plan may however be transferred to another provider (subject to legislation and the acceptance of the receiving provider) before the minimum 10 year period and the applicable transfer charges will apply. Please refer to Table 4 – 'Fees and Charges'. |
| Minimum Age at Entry | Policyholder/Life Assured 18 years (ANB 19) ANB meaning 'Age Next Birthday' |
| Maximum Age at Entry | Policyholder/Life Assured 50 years (ANB 51) |
| Benefit Stop Age | 69 years (ANB 70) (benefits must start to be taken by not later than age 70) |
| Life Assured and Policyholder | Benefits will be paid out to the Beneficiary of the Plan upon the death or permanent invalidity of the Life Assured. In these instances the Company will pay the Policyholder or the designated Beneficiary the Bid Value of the investment.<br>The Life Assured must also be the Policyholder. You cannot change the Life Assured/Policyholder from an existing Plan at a later stage. |
| Beneficiaries | You can designate up to 4 Beneficiaries. Upon the death or permanent invalidity of the Life Assured, the Company will pay the proceeds to the designated Beneficiary. In the case that there are no named Beneficiaries We will pay the Heirs as per the Policyholder's will or by way of law in case the Policyholder dies intestate. |
| Guaranteed Life Assurance (GLA) | The Plan automatically comes with a Guaranteed Life Assurance of €2,500. This limited life cover is given free of charge.<br>If the Life Assured dies before taking their retirement benefits, the Plan will pay out the value of the Plan account or the GLA of €2,500 whichever is the greater. |

## L-ewwel sezzjoni: Karatteristiċi tal-Prodott

### Tabella Nru 1 – Karatteristiċi Ġenerali

| | |
|---|---|
| Tip ta' Pjan | Il-Pjan joffrilek il-possibbiltà li tinvesti f'għadd ta' *HLM Unit-Linked funds*. |
| Kemm irid ikun għadda żmien biex Int tkun tista' tibda tibbenefika mill-Pjan | 10 snin mid-Data tal-Bidu tal-Pjan qabel tagħlaq 61 sena.<br>Madankollu, il-Pjan jista' jkun trasferit għal għand ħaddieħor (dejjem skont il-leġiżlazzjoni u jekk jaċċettax dak li se jirċevih) qabel il-perjodu minimu ta' 10 snin u japplikaw it-*transfer charges*. Ara Tabella Nru 4 – 'Drittijiet u Spejjeż'. |
| Età Minima tad-Dħul | Detentur tal-Polza/Il-Persuna Assigurata 18-il sena magħluqa (Tagħlaq 19-il sena f'għeluq snin li jmiss) |
| Età Massima tad-Dħul | Detentur tal-Polza/Il-Persuna Assigurata 50 sena magħluqa (Tagħlaq 51 sena f'għeluq snin li jmiss) |
| Età ta' Waqfien tal-Benefiċċju | 69 sena magħluqa (il-benefiċċji jridu jibdew jittieħdu qabel il-klijent jagħlaq 70 sena) (Tagħlaq 70 sena f'għeluq snin li jmiss) |
| Il-Persuna Assigurata u d-Detentur tal-Polza | Il-Benefiċċji jitħallsu lill-Benefiċjarju tal-Pjan mal-mewt tal-Persuna Assigurata jew meta din tidħol fi stat ta' invalidità permanenti. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kumpanija tħallas lid-Detentur tal-Polza jew lill-Benefiċjarju nominat il-Valur tal-*Bid* tal-investiment.<br>Il-Persuna Assigurata trid tkun id-Detentur tal-Polza. Ma tistax tibdel il-Persuna Assigurata/Detentur tal-Polza minn Pjan eżistenti iktar tard. |
| Benefiċjarji | Tista' tinnomima sa 4 Benefiċjarji. Mal-mewt tal-Persuna Assigurata jew meta din tidħol fi stat ta' invalidità permanenti, il-Kumpanija tħallas il-flus tal-polza lill-Benefiċjarju nominat. F'każ li ma jkunx hemm Benefiċjarji msemmija, Aħna nħallsu lill-Eredi skont kif imsemmi fit-testment tad-Detentur tal-Polza jew skont il-liġi jekk id-Detentur tal-Polza jmut mingħajr testment. |
| Assigurazzjoni Garantita fuq il-Ħajja | Il-Pjan għandu awtomatikament Assigurazzjoni Garantita fuq il-Ħajja ta' €2,500. Din il-kopertura limitata fuq il-ħajja tingħata b'xejn.<br>Jekk il-Persuna Assigurata tmut qabel tkun ħadet il-benefiċċji tal-irtirar, il-Pjan iħallas l-ogħla ammont bejn il-valur li jkun hemm fil-kont tal-Pjan u l-Assigurazzjoni Garantita fuq il-Ħajja ta' €2,500. |

### Table 2 – Premium

| | |
|---|---|
| Your Commitment | You agree to pay a regular premium throughout the term of Your Plan. |
| Premium Payment Frequency | Monthly, Quarterly, Half-Yearly & Annually |
| Minimum Premium | Monthly: €60.00<br>Quarterly: €180.00<br>Half-Yearly: €360.00<br>Annually: €720.00 |
| Premium Payment Method | Initial and renewal contributions are payable by direct debit. |
| Single Premium Add-Ons | You are allowed to effect premium deposits at any time, subject to a minimum amount of €300.00 per add-on (no maximum). No add-on fee applies. |
| Increase in Premium | You are allowed to increase Your premium anytime, without maximum. |
| Decrease in Premium | You are allowed to decrease Your premium anytime, subject to the minimum premium shown above. |
| Premium Holiday | Premiums can be suspended at any time during the life of the Plan. You can resume contribution payments, as long as Your Plan still has a value. The premium holiday facility can be renewed annually after completing a financial planning review and is subject to the Company's discretion. Any premium holidays will decrease Your end benefits. |
| Programmed Withdrawals | Programmed withdrawals are permitted from the Plan from not earlier than age 61 and not later than age 70, providing the Plan has been in force for at least 10 years. |
| Plan Transfers | If You decide to transfer Your Plan value to another pension plan before 5 years have passed since inception, the Bid Value of the Plan units will be reduced by a transfer factor (refer to Table 4 – 'Fees and Charges'). Your Plan can only be transferred to another plan which is deemed to be a qualifying scheme as defined in subsidiary legislation 123.163 of the Laws of Malta titled Personal Retirement Rules |
| Access to Benefits | Accumulated investment can be withdrawn not earlier than age 61 (ANB 62) and not later than age 70 (ANB 71). At retirement You can opt to receive up to 30% of the Plan value as a tax free lump not earlier than age 61 and after the Plan has been in place for at least 10 years. The remaining balance of the Plan is to be used to provide You with an income which is subject to income tax. |

### Tabella Nru 2 – Il-Primjum

| | |
|---|---|
| L-Obbligazzjoni Tiegħek | Int tiftiehem li tħallas il-primjum dovut b'mod regolari matul it-terminu tal-Pjan Tiegħek. |
| Kull meta jitħallas il-Primjum | Kull xahar, kull tliet xhur, kull sitt xhur & kull sena |
| X'inhu l-Anqas Primjum li Jitħallas | Kull xahar: €60.00<br>Kull tliet xhur: €180.00<br>Kull sitt xhur: €360.00<br>Kull sena: €720.00 |
| Kif jitħallas il-Primjum | Il-primjum tal-bidu u t-tiġdid tiegħu jitħallsu b'debitu dirett. |
| Żieda mal-ħlas tal-Primjum | Tista' tagħmel depożitu ta' primjums żejda kull meta trid, għal mhux inqas minn €300.00 għal kull żieda fil-Primjum (mingħajr limitu). Ma japplikawx drittijiet għal dan. |
| Żieda fil-Primjum | Tista' żżid l-ammont tal-primjum li tħallas meta trid, mingħajr limitu. |
| Tnaqqis fil-Primjum | Tista' tnaqqas l-ammont tal-primjum li tħallas meta trid, sakemm jitħallas l-ammont muri hawn fuq bħala l-inqas primjum. |
| Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Primjum | Il-primjums jistgħu jiġu sospiżi meta trid matul iż-żmien kollu tal-Pjan. Sakemm il-Pjan Tiegħek jibqa' jkollu valur, inti tista' terġa' tibda tħallashom. Il-faċilità ta' eżenzjoni mill-ħlas tal-primjum tista' tiġġedded kull sena wara li jsir *financial planning review* u hija suġġetta għad-diskrezzjoni tal-Kumpanija. Il-perjodi ta' eżenzjoni jnaqqsulek mill-benefiċċji li tirċievi fl-aħħar, |
| Ġbid programmat | Tista' tiġbed il-flus b'mod programmat mill-Pjan mhux qabel l-età ta' 61 sena u mhux aktar tard mill-età ta 70 sena, dejjem jekk il-Pjan ikun ilu fis-seħħ għal mill-inqas 10 snin. |
| Trasferimenti tal-Pjan | Jekk tiddeċiedi li tittrasferixxi l-valur tal-Pjan Tiegħek fuq pjan ta' pensjoni ieħor qabel ikunu għaddew 5 snin minn mindu beda, il-*Bid Value* tal-*units* tal-Pjan jonqos skont it-*transfer factor* (ara Tabella Nru 4 – 'Drittijiet u Spejjeż'). Il-Pjan Tiegħek jista' jkun trasferit għal pjan ieħor dejjem jekk dan tal-aħħar ikun meqjus bħala skema kwalifikata skont il-leġiżlazzjoni sussidjarja 123.163 tal-Liġijiet ta' Malta 'Personal Retirement Rules'. |
| Aċċess għall-Benefiċċji | L-investiment akkumulat ma jistax jinġibet qabel tagħlaq 61 sena u mhux aktar tard mill-età ta' 70 sena. Mal-irtirar, Int ma tistax tagħżel li tirċievi sa 30% tal-valur tal-Pjan bħala somma waħda sħiħa mingħajr taxxa qabel tagħlaq 61 sena wara li l-Pjan ikun ilu fis-seħħ għal mill-inqas 10 snin. Il-bilanċ li jkun fadal mill-Pjan jintuża biex jipprovdilek dħul suġġett għat-taxxa fuq id-dħul. |

**Table 3 – Fund Switching & Premium Redirection**

| | |
|---|---|
| Fund Switching | You may transfer all or part of the units in the Funds that You had selected at any time to other funds. This is known as "switching" and it involves cancelling units in one fund and purchasing units in another Fund/s.<br>This is done on a bid-to-bid basis. This means that You will not be charged the bid/offer spread when switching.<br>Refer to Table 4 – 'Fees and Charges' for more information. |
| Minimum Balance | When switching, You can either transfer all the units to a new Fund, leaving a nil balance in the originating Fund, or maintain the originating Fund open with a value of not less than €250. |
| Switching Charges | Please refer to the Table 4 – 'Fees and Charges' for full details. |
| Premium Redirection | Future contributions and single premium add-ons contributions can be routed to selected Funds, different from the current selection, by means of a "fund redirection". Redirections are currently free of charge. |

**Table 4 – Fees and Charges**

| | |
|---|---|
| Plan Fee | No Plan fee is deducted either from the premium being paid or from the Plan. |
| Premium Allocation | Upon receipt of the initial premium, the Company will use that portion of the contribution available for investment to purchase Units in the Funds at the Offer Price determined on the next valuation after the Plan is issued and at the Fund proportions chosen by You.<br>Subsequent premiums are allocated at the next valuation after the premium is paid. The Units will be notionally allocated to Your Plan for the purposes of determining the benefits attributable to the Policyholder although the Units are not actually owned by the Policyholder. The Company will remain the legal owner of the underlying Funds and investments. |
| Premium Allocation Rate | The allocation rate is the proportion of Your premium which will be allocated to Your Plan to purchase Units in the Fund/s of Your choice. |

**Tabella Nru 3 – Qlib tal-Investiment u l-Primjum bejn il-Fondi**

| | |
|---|---|
| Qlib bejn il-Fondi | Il-*units* fil-Fondi li tkun għażilt tista', meta trid, tittrasferihom, kollha jew parti minnhom, għal fondi oħra. Dan huwa magħruf bħala "qlib" (*switching*) u jsir billi jiġu kkanċellati *units* minn fond u jinxtraw *units* f'Fond(i) alternattiv(i).<br>Dan isir fuq bażi ta' *bid-to-bid*, u jfisser li meta taqleb ma teħel xejn għall-avarija bejn il-prezzijiet tal-*offer* u l-*bid*.<br>Ara Tabella Nru 4 – 'Drittijiet u Spejjeż' għal aktar informazzjoni. |
| L-Anqas Bilanċ li Tista' Żżomm | Meta jsir qlib, Int tista' tittrasferixxi l-*units* kollha ġo Fond ġdid u ma tħalli xejn fil-Fond oriġinali, inkella żżomm il-Fond oriġinali miftuħ b'valur ta' mhux inqas minn €250. |
| Spejjeż tal-Qlib | Ara Tabella Nru 4 – 'Drittijiet u Spejjeż' għad-dettalji kollha. |
| Bdil tal-Fondi li għalihom jitħallas il-Primjum | Huwa permess li jsir "indirizzar mill-ġdid" tal-primjum lejn fondi ġodda. B'dan, kontribuzzjonijiet li jsiru fil-futur u żidiet fil-kontribuzzjoni jistgħu jiġu indirizzati għal fondi magħżula li jkunu differenti mill-għażla ta' fondi li jkun hemm attwalment. Dan l-"indirizzar mill-ġdid" bħalissa jista' jsir b'xejn. |

**Tabella Nru 4 – Drittijiet u Spejjeż**

| | |
|---|---|
| Id-Dritt tal-Pjan | Ma jitnaqqas ebda dritt tal-Pjan, la mill-primjum li jkun qed jitħallas u lanqas mill-Pjan. |
| Allokazzjoni tal-Primjum | Malli tirċievi l-primjum tal-bidu, il-Kumpanija tuża dak il-porzjon tal-kontribuzzjoni li ssir għall-fini ta' investiment biex tixtri *Units* fil-Fondi bil-prezz tal-*Offer* iffissat meta ssir il-valutazzjoni li jmiss wara li jkun ħareġ il-Pjan. Dan tagħmlu bi tqassim proporzjonali fuq il-Fondi skont ma tkun għażilt Int.<br>Il-primjums li jitħallsu wara jiġu allokati meta ssir il-valutazzjoni li jkun imiss wara li jkun tħallas il-primjum. Il-*Units* jiġu nozzjonalment allokati lill-Pjan tiegħek għall-finijiet tal-kalkolu tal-benefiċċji attribwibbli lid-Detentur tal-Polza, għalkemm dan ma jkunx realment is-sid tal-*Units*. Hija l-Kumpanija li tibqa' legalment is-sid tal-Fondi u tal-investimenti li jiffurmaw il-bażi tal-polza. |
| Ir-Rata tal-Allokazzjoni tal-Primjum | Ir-rata tal-allokazzjoni hija dak il-proporzjon tal-primjum Tiegħek li se jkun allokat lill-Pjan Tiegħek biex jinxtraw *Units* fil-Fond(i) magħżul(a) Minnek. |

**Premium Allocation Rates**

| Monthly Premium | Allocation Rate |
|---|---|
| €60.00 to €99.99 | 100% |
| €100.00 to €199.99 | 102% *(an extra allocation of 2%)* |
| €200.00 to €399.99 | 103.5% *(an extra allocation of 3.5%)* |
| €400.00 + | 104.5% *(an extra allocation of 4.5%)* |

| Quarterly Premium | Allocation Rate |
|---|---|
| €180.00 to €299.99 | 100% |
| €300.00 to €599.99 | 102% *(an extra allocation of 2%)* |
| €600.00 to €1,199.99 | 103.5% *(an extra allocation of 3.5%)* |
| €1,200.00 + | 104.5% *(an extra allocation of 4.5%)* |

| Half-yearly Premium | Allocation Rate |
|---|---|
| €360.00 to €599.99 | 100% |
| €600.00 to €1,199.99 | 102% *(an extra allocation of 2%)* |
| €1,200.00 to €2,399.99 | 103.5% *(an extra allocation of 3.5%)* |
| €2,400.00 + | 104.5% *(an extra allocation of 4.5%)* |

| Annually Premium | Allocation Rate |
|---|---|
| €720.00 to €1,199.99 | 100% |
| €1,200.00 to €2,399.99 | 102% *(an extra allocation of 2%)* |
| €2,400.00 to €4,799.99 | 103.5% *(an extra allocation of 3.5%)* |
| €4,800.00 + | 104.5% *(an extra allocation of 4.5%)* |

**Add-On Premium Allocation Rates**

If You effect add-ons (voluntary premium deposits at any time), Your premium will be allocated as follows:

| Add-on Premium | Allocation Rate |
|---|---|
| €300.00 to €14,999.99 | 103% *(an extra allocation of 3%)* |
| €15,000.00 to €39,999.99 | 104% *(an extra allocation of 4%)* |
| €40,000.00 + | 105% *(an extra allocation of 5%)* |

**Ir-Rati tal-Allokazzjoni tal-Primjum**

| Primjum ta' kull xahar | Ir-Rata tal-Allokazzjoni |
|---|---|
| €60.00 sa €99.99 | 100% |
| €100.00 sa €199.99 | 102% *(allokazzjoni żejda ta' 2%)* |
| €200.00 sa €399.99 | 103.5% *(allokazzjoni żejda ta' 3.5%)* |
| €400.00 + | 104.5% *(allokazzjoni żejda ta' 4.5%)* |

| Primjum ta' kull 3 xhur | Ir-Rata tal-Allokazzjoni |
|---|---|
| €180.00 sa €299.99 | 100% |
| €300.00 sa €599.99 | 102% *(allokazzjoni żejda ta' 2%)* |
| €600.00 sa €1,199.99 | 103.5% *(allokazzjoni żejda ta' 3.5%)* |
| €1,200.00 + | 104.5% *(allokazzjoni żejda ta' 4.5%)* |

| Primjum ta' kull 6 xhur | Ir-Rata tal-Allokazzjoni |
|---|---|
| €360.00 sa €599.99 | 100% |
| €600.00 sa €1,199.99 | 102% *(allokazzjoni żejda ta' 2%)* |
| €1,200.00 sa €2,399.99 | 103.5% *(allokazzjoni żejda ta' 3.5%)* |
| €2,400.00 + | 104.5% *(allokazzjoni żejda ta' 4.5%)* |

| Primjum ta' kull sena | Ir-Rata tal-Allokazzjoni |
|---|---|
| €720.00 sa €1,199.99 | 100% |
| €1,200.00 sa €2,399.99 | 102% *(allokazzjoni żejda ta' 2%)* |
| €2,400.00 sa €4,799.99 | 103.5% *(allokazzjoni żejda ta' 3.5%)* |
| €4,800.00 + | 104.5% *(allokazzjoni żejda ta' 4.5%)* |

**Rati ta' Allokazzjoni ta' Primjums Miżjuda**

Jekk tħallas primjums b'żieda (ammonti żejda ta' primjum imħallsa volontarjament meta jogħġbok), il-primjum Tiegħek jiġi allokat kif ġej:

| Primjum miżjud | Ir-Rata tal-Allokazzjoni |
|---|---|
| €300.00 sa €14,999.99 | 103% *(allokazzjoni żejda ta' 3%)* |
| €15,000.00 sa €39,999.99 | 104% *(allokazzjoni żejda ta' 4%)* |
| €40,000.00 + | 105% *(allokazzjoni żejda ta' 5%)* |

| | |
|---|---|
| Premium Allocation Example | We will determine the proportion of the premium to be allocated according to the allocation rates referred to in Table 4 – 'Premium Allocation Rates'.<br>On the Retirement Pension Plan – Unit Linked all allocation rates exceed 100% and therefore all premiums will benefit from an extra premium allocation.<br>We will then invest the allocated premium to purchase Units at the Offer Price.<br>Please refer to Table 4 – 'Bid/Offer Spread' The value of Your units will be determined by the Bid Price. |
| Regular Premium Example | A monthly premium of €150 in the HLM Cautious Fund.<br>Allocation:<br>€150 x 102% = €153<br>Units Purchased:<br>€153.00 ÷ €4.7450 = 32.18 units<br>Value of Units: 32.18 units x €4.5160 = €145.32 |
| Add-on Premium Example | A lump sum investment of €10,000 in the HLM Cautious Fund.<br>Allocation:<br>€10,000 x 103% = €10,300<br>Units Purchased:<br>€10,300 ÷ €4.7450 = 2,170.71 units<br>Value of units 2,170.71 x €4.5160 = €9,802.93 |
| Sample Fund Prices Used | HLM Cautious Fund Bid Price: €4.516<br>HLM Cautious Fund Offer Price: €4.745<br>*Bid Price and Offer Price as at 24 February 2020.. |
| Bid/Offer Spread | The bid/offer spread is the difference between the Bid Price (the price at which You buy units in a Fund) and the Offer Price (the price at which You sell units in a Fund).<br>The Bid Price is 5% higher than the Offer Price on the Funds. |

| | |
|---|---|
| Eżempju tar-Rati tal-Allokazzjoni tal-Primjum | Aħna niddeterminaw il-proporzjon tal-primjum li jiġi allokat skont ir-rati tal-allokazzjoni kif referuti f'Tabella Nru 4 – 'Ir-Rati tal-Allokazzjoni tal-Primjum'.<br>Fuq il-Pjan ta' Pensjoni tal-Irtirar – *Unit-Linked* kull rata ta' allokazzjoni hija ogħla minn 100% u għalhekk il-primjums kollha se jibbenefikaw minn allokazzjoni żejda.<br>Wara dan, aħna ninvestu l-primjum allokat biex nixtru *Units* skont l-*Offer Price*.<br>Jekk jogħġbok irreferi għal Tabella Nru 4 – 'Differenza bejn il-Prezz tal-*Bid* u tal-*Offer*'. Il-valur tal-*units* Tiegħek jiġi determinat skont il-*Bid Price*. |
| Eżempju ta' Primjum Regolari | Primjum ta' kull xahar ta' €150 fl-*HLM Cautious Fund*.<br>Allokazzjoni:<br>€150 x 102% = €153<br>*Units* Mixtrija:<br>€153.00 ÷ €4.7450 = 32.18 *unit*<br>Valur tal-*Units*: 32.18 ***unit*** x €4.5160 = €145.32 |
| Eżempju ta' Primjum Miżjud | Investiment b'somma waħda sħiħa ta' €10,000 fl-*HLM Cautious Fund*.<br>Allokazzjoni:<br>€10,000 x 103% = €10,300<br>*Units* Mixtrija:<br>€10,300 ÷ €4.7450 = 2,170.71 *unit*<br>Valur tal-*Units*: 2,170.71 x €4.5160 = €9,802.93 |
| Kampjun tal-Prezzijiet tal-Funds użati | HLM Cautious Fund Bid Price: €4.516<br>HLM Cautious Fund Offer Price: €4.745<br>*Iż-żewġ prezzijiet huma tal-24 February 2020.. |
| Differenza bejn il-Prezz tal-Bid u tal-Offer | Din hija d-differenza bejn il-*Bid Price* (il-prezz li bih Int tixtri l-*units* f'Fond) u l-*Offer Price* (il-prezz li bih Int tbigħ il-*units* f'Fond).<br>Il-*Bid Price* huwa 5% ogħla mill-*Offer Price* fuq il-Fondi. |

**Transfer Charges**

If You decide to transfer Your Plan to another pension plan within 5 years, the Bid Value of the Plan will be reduced by a transfer penalty as follows:

| Year | Transfer Penalty |
|---|---|
| 1 | 20% |
| 2 | 12% |
| 3 | 8% |
| 4 | 4% |
| 5 | 2% |
| 6+ | 0% |

The transfer value of the Plan will be the Bid Value of Units allocated to the Plan. Following receipt of Your written instructions to Us, the transfer value is calculated on the first valuation date less the transfer factor.

The transfer value is not applied separately on the regular contributions and on each add-on, but as one value as highlighted in the table above.

**Switching Charges**

Units already purchased may be switched to another Fund at any time. The minimum amount to be left in any Fund with a non-zero balance, is €250.

The first two switches per calendar year are free of charge. Third switch is subject to a fee of €50; 4th and subsequent switches are subject to a charge of €25. This charge is taken proportionately against the value of the unit holdings of the effected Funds.

Switches are carried out on a Bid-Price to Bid-Price basis, i.e. allocation and Bid-Offer spread are charged only once, when premium is originally paid into the Plan.

Switches will be carried out at the prices of the next Valuation Day following receipt of written instructions to Us.

Frequent investment switching or contribution redirection is not advisable; however this may be considered of particular value closer to Your retirement to consolidate any investment gains. Unused free switches cannot be carried forward into the next year.

**Annual Charge**

The fund(s) in the HLM Unit-Linked fund range are subject to an annual charge of up to 1.5% that is reflected in the unit price.

**Foreign Exchange Charge**

The Funds which invest in underlying funds denominated in foreign currency incur foreign exchange charges at the point of entry or exit of said funds. Policyholders benefit from lower global bulk transaction charges where We effect one payment on behalf of a large number of policyholders.

**Spejjeż tat-Trasferiment**

Jekk Int tiddeċiedi li tittrasferixxi l-Pjan Tiegħek għal pjan ta' pensjoni ieħor fi żmien 5 snin, il-*Bid Value* tal-Pjan jitnaqqas bi ħlas ta' *transfer penalty* skont kif ġej:

| Sena | *Transfer Penalty* |
|---|---|
| 1 | 20% |
| 2 | 12% |
| 3 | 8% |
| 4 | 4% |
| 5 | 2% |
| 6+ | 0% |

It-*transfer value* tal-Pjan ikun il-*Bid Value* tal-*Units* allokati għall-Pjan. Wara li nirċievu l-istruzzjonijiet Tiegħek bil-miktub, it-*transfer value* jinħadem fl-ewwel data tal-valutazzjoni u wara li jkun tnaqqas minnu s-*surrender factor*.

It-*transfer value* ma jiġix applikat separatament fuq il-kontribuzzjonijiet regolari u fuq kull żieda, iżda jiġi applikat bħala valur wieħed kif indikat fit-tabella t'hawn fuq.

**Spejjeż tal-Qlib**

*Units* mixtrija diġà jistgħu jinqalbu għal fuq Fond ieħor meta trid. L-inqas ammont li jista' jitħalla f'Fond li fih bilanċ huwa ta' €250.

L-ewwel darbtejn li jsir qlib f'sena kalendarja jkunu b'xejn. It-tielet darba jrid jitħallas dritt ta' €50. Ir-raba' darba u d-drabi ta' wara jrid jitħallas dritt ta' €25 kull darba. Dan id-dritt jittieħed b'mod proporzjonali skont il-valur tal-*units* tal-Fondi effettwati.

Il-qlib isir fuq bażi ta' *Bid-Price to Bid-Price*, i.e. id-dritt tal-allokazzjoni u d-differenza bejn il-prezzijiet tal-*Bid* u tal-*Offer* jitħallsu darba biss, meta jitħallas oriġinarjament il-primjum fil-Pjan.

Il-qlib isir skont il-prezzijiet tad-data tal-Valutazzjoni li jmiss wara li nirċievu l-istruzzjonijiet bil-miktub.

Mhux rakkomandat li l-qlib tal-investiment u l-primjum bejn il-fondi jsir ta' spiss; madankollu, dan jista' jitqies ta' valur iktar kemm joqrob l-irtirar Tiegħek biex jissaħħaħ dak li jkun inkiseb permezz tal-investiment. Qlib mingħajr ħlas li ma jkunx seħħ ma jkunx jista' jsir fis-sena ta' wara.

**Dritt Annwali**

Il-Fond(i) li hemm fil-bażi tal-*HLM Unit-Linked Funds* hu/ma suġġett/i għal dritt annwali li jista' jitla' sa 1.5% u li hu rifless fil-prezz tal-*units*.

**Spejjeż tal-Kambju**

Il-Fondi li jinvestu ġo fondi li huma denominati f'munita barranija jġarrbu spejjeż ta' kambju fl-istadju tad-dħul fil-fondi jew ħruġ minnhom. Id-detenturi tal-polza jgawdu riduzzjoni fl-ispejjeż peress li Aħna nagħmlu tranżazzjonijiet globali bil-kwantità u nħallsu pagament wieħed f'isem numru kbir ta' klijenti.

**How can I obtain further information on costs and charges?**

Should you require an itemised breakdown of the total costs and charges in relation to your policy, we will provide you with such figures, upon request, at least annually. Should you need to have more information on the total costs and charges related to your policy, please use one of the following channels to provide you with such details:

- Send an email to our Payments Team's inmtfinance@hsbc.com; or
- Send a letter to HSBC Life Assurance (Malta) Ltd, 80 Mill Street, Qormi, QRM 3101, Malta; or
- Send a secure message directly to 'HSBC Life Assurance Enquiry' by logging in your Personal Internet Banking Services through the HSBC site.

**Kif nista' nikseb aktar informazzjoni dwar l-ispejjeż u t-tariffi?**

Jekk teħtieġ analiżi dettaljata tal-ispejjeż u tariffi totali fir-rigward tal-polza tiegħek, aħna nipprovdulek dawn iċ-ċifri mill-inqas kull sena, fuq talba. Jekk ikollok bżonn iktar informazzjoni fuq id-drittijiet u l-ispejjeż kollha relatati mal-polza tiegħek, jekk jogħġbok uża wieħed minn dawn il-mezzi biex tikseb dawn id-dettalji:

- Ibgħat email lill-Payments Team tagħna fuq inmtfinance@hsbc.com; jew
- Ibgħat ittra lil HSBC Life Assurance (Malta) Ltd, 80 Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, QRM 3101, Malta; jew
- Ibgħat messaġġ dirett sikur lil 'HSBC Life Assurance Enquiry' billi taċċessa s-servizzi tal-Personal Internet Banking tiegħek.

## Section 2: HLM Funds

### Table 5 – HLM Unit-Linked Funds

| | |
|---|---|
| Where is the premium invested? | The Plan offers a total of 26 unitised funds denominated in Euro. These funds are backed by local and International Fund Managers with underlying assets held in a range of currencies, primarily Euro, US Dollars and Sterling. |
| HSBC Life Individual Unitised Funds | We selected the following unitised Funds to provide a wide choice and cater for people of various ages, risk preferences, needs and for different market conditions. The HLM funds invest in funds managed by the following internationally renowned fund managers:<br>MFS Investment Management Company (LUX)<br>HSBC Global Asset Management (UK) Ltd<br>HSBC Global Asset Management (Malta) Limited<br>HSBC Global Investment Funds (Luxembourg) S.A.<br>Blackrock Investment Managers<br>Schroders Investment Management (Europe) S.A.<br>Invesco International Limited |
| HSBC Life – HLM In-House Funds | Of these 26 unitised funds. We offer 3 strategic in-house funds that invest in a pre-determined mix of the other underlying investment funds. We have designed these in-house funds to match the needs of policyholders with different risk attitudes. These are:<br>HLM Cautious Fund<br>HLM Balanced Fund<br>HLM Aggressive Fund |
| Cash Fund | HLM Euro Cash Fund |
| Bond Funds | HLM Global Bond Fund<br>HLM Euro Bond Fund<br>HLM Malta Bond Fund<br>HLM UK Bond Fund<br>HLM Emerging Markets Bond Fund<br>HLM International Bond Fund |
| Equity Funds | HLM US Equity Fund – Class 1<br>HLM European Equity Fund<br>HLM European Opportunities Fund<br>HLM Asian Equity Fund<br>HLM Japanese Equity Fund<br>HLM Maltese Assets Fund<br>HLM UK Equity Fund – Class 1<br>HLM Global Property Equity Fund<br>HLM Emerging Markets Equity Fund<br>HLM International Equity Fund<br>HLM Global Equity Fund – Class 1 |

## It-tieni sezzjoni: HLM Funds

### Tabella Nru 5 – HLM Unit-Linked Funds

| | |
|---|---|
| Fejn jiġi investit il-primjum? | Il-Pjan joffri total ta' 26 *unitised fund* denominati fl-Ewro. Dawn il-fondi għandhom warajhom *Fund Managers* lokali u internazzjonali b'bażi ta' assi miżmumin f'muniti varji, l-iżjed fl-Ewro, id-dollaru Amerikan u l-isterlina. |
| Il-Unitised Funds Individwali tal-HSBC Life | Aħna għażilna dawn il-*Unitised Funds* biex nipprovdu għażla wiesgħa u biex naħsbu għal nies li jvarjaw fl-età, preferenzi ta' riskju, ħtiġijiet tagħhom, u għal kundizzjonijiet differenti tas-suq. Il-fondi tal-HLM jinvestu f'fondi li għandhom *fund managers* magħrufin internazzjonalment. Dawn huma:<br>MFS Investment Management Company (LUX)<br>HSBC Global Asset Management (UK) Ltd<br>HSBC Global Asset Management (Malta) Limited<br>HSBC Global Investment Funds (Luxembourg) S.A.<br>Blackrock Investment Managers<br>Schroders Investment Management (Europe) S.A.<br>Invesco International Limited |
| HSBC Life – Fondi In-House tal-HLM | Minn dawn is-26 *unitised fund*, Aħna noffru 3 fondi strateġiċi *in-house* li jinvestu f'taħlita magħżula minn qabel mill-fondi tal-investimenti l-oħra. Dawn il-fondi *in-house* fassalniehom bil-għan li jaqblu mal-ħtiġijiet ta' klijenti b'atteġġjament ta' riskju differenti. Dawn huma:<br>HLM Cautious Fund<br>HLM Balanced Fund<br>HLM Aggressive Fund |
| Fond ta' Flus | HLM Euro Cash Fund |
| Fondi ta' Bonds | HLM Global Bond Fund<br>HLM Euro Bond Fund<br>HLM Malta Bond Fund<br>HLM UK Bond Fund<br>HLM Emerging Markets Bond Fund<br>HLM International Bond Fund |
| Fondi ta' Ekwità | HLM US Equity Fund – Class 1<br>HLM European Equity Fund<br>HLM European Opportunities Fund<br>HLM Asian Equity Fund<br>HLM Japanese Equity Fund<br>HLM Maltese Assets Fund<br>HLM UK Equity Fund – Class 1<br>HLM Global Property Equity Fund<br>HLM Emerging Markets Equity Fund<br>HLM International Equity Fund<br>HLM Global Equity Fund – Class 1 |

| | |
|---|---|
| Multi Asset Funds | HLM International Aggressive Fund<br>HLM International Balanced Fund<br>HLM International Cautious Fund<br>HLM International Moderately Aggressive Fund<br>HLM International Moderately Cautious Fund |

The names of the funds reflect the nature of the asset class or investment strategy of the underlying investment, or funds.

You may select any combination of the 26 HLM Unit-Linked Funds. At any one time, a maximum of 5 funds are to be invested, with a minimum contribution of 20% in each fund.

We may add and change these funds subject to the Policy Terms and Conditions document. A copy is available upon request being made to Us. Full details of the underlying Fund Managers and funds are available in the fund fact sheets and Key Information Documents (KID) and Investment Option Information Documents which can be obtained from any HSBC branch or by visiting www.hsbc.com.mt.

**How do I choose the funds?**

This will depend on a number of factors, such as Your age, attitude to risk and investment objectives. For example, if You are still young, You may wish to invest a percentage of Your portfolio in equities. Although subject to volatility, equities, in the long term usually outperform other forms of investment.

If You are nearing retirement, You may prefer the more cautious local or international bond funds that are less subject to volatility.

If You are neither particularly risk averse, nor a risk taker, a balanced selection of international and local bond and equity funds, giving a reasonable level of security but plenty of potential for capital growth, may be the most appropriate investment.

Our Premier Relationship Managers/Financial Planning Advisors can help You choose the Fund/s that match/es Your investment objectives and Your attitude to risk.

**How is the value of the Funds calculated?**

The assets of each Fund are valued every working day and a Bid and Offer Price determined for each Fund. In the process the Actuary will take into account the market value of the underlying assets and all other relevant factors including all expenses.

**How can I find out the value of my investment?**

You can check the value of Your Plan which is updated on a weekly basis and view Your annual statement by using HSBC Bank Malta p.l.c.'s Personal Internet Banking (PIB) service *. For more details about this service, visit our website www.hsbc.com.mt. Statements can be provided at any time during the life of the Plan.

*If no PIB is held, You will receive an annual statement of Your Plan showing the Plan value.

| | |
|---|---|
| Fondi Multi-Asset | HLM International Aggressive Fund<br>HLM International Balanced Fund<br>HLM International Cautious Fund<br>HLM International Moderately Aggressive Fund<br>HLM International Moderately Cautious Fund |

L-ismijiet tal-fondi jirriflettu n-natura tal-klassi ta' assi jew l-istrateġija tal-fondi jew investimenti sottostanti.

Tista' tagħmel għażla kif jogħġbok mis-26 Fond *HLM Unit-Linked*, sakemm tinvesti f'massimu ta' 5 fondi f'daqqa, b'allokazzjoni minima ta' 20% f'kull fond.

Aħna nistgħu nżidu ma' dawn il-fondi jew nibdlu minnhom skont kif hemm fid-dokument tat-Termini u Kundizzjonijiet tal-Polza. Tista' titlobna kopja. Id-dettalji kollha tal-*Fund Managers* u l-fondi jinstabu fil-*fund fact sheets* li jistgħu jinkisbu mill-fergħat kollha tal-HSBC jew billi żżur is-sit elettroniku www.hsbc.com.mt.

**Kif nagħżel il-fondi?**

Dan jiddependi minn għadd ta' fatturi, pereżempju kemm għandek żmien, l-atteġġjament tiegħek għar-riskju, u l-objettivi ta' investiment li għandek. Ngħidu aħna, jekk għadek żgħir tista' tippreferi tinvesti parti mill-portafoll f'ishma. Għalkemm huma iżjed volatili, l-ishma normalment jagħtu riżultati aħjar fit-tul minn investimenti ta' tip ieħor.

Jekk wasalt biex tirtira, tista' tagħżel investiment iżjed kawt ġo fondi ta' bonds lokali u internazzjonali, li huma inqas suġġetti għall-volatilità.

Jekk int lest tissogra ftit iżda mhux ħafna, l-investiment l-aktar adatt għalik jista' jkun taħlita bilanċjata ta' fondi ta' bonds u ishma lokali u internazzjonali li tagħtik livell raġonevoli ta' sigurtà imma għandha potenzjal qawwi biex il-kapital jikber.

Il-*Premier Relationship Managers/Financial Planning Advisors* tagħna jistgħu jgħinuk tagħżel il-Fond/i li l-aktar jaqbel/jaqblu mal-objettivi ta' investiment Tiegħek u l-atteġġjament Tiegħek għar-riskju.

**Kif inhu kkalkulat il-valur tal-fondi?**

Il-valur tal-assi ta' kull Fond huwa maħdum f'kull ġurnata ta' xogħol u jinħareġ Prezz tal-*Bid* u Prezz tal-*Offer* għal kull Fond. Meta jagħmel dan, l-Attwarju jqis il-valur fis-suq tal-assi fil-fondi u kull fattur ieħor rilevanti, inklużi l-ispejjeż kollha.

**Kif nista' nkun naf x'inhu l-valur tal-investiment tiegħi?**

Tista' tiċċekkja l-valur tal-Pjan Tiegħek li hu aġġornat kull ġimgħa u tara r-rendikont annwali Tiegħek billi tuża s-servizz tal-*Personal Internet Banking* ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (PIB)*. Għal aktar dettalji dwar dan is-servizz, żur is-sit www.hsbc.com.mt. Jista' jingħata rendikont kull meta trid matul iż-żmien kollu tal-Pjan.

* Jekk m'għandekx PIB, kull sena Int tirċievi rendikont tal-Pjan Tiegħek li juri l-valur tal-Pjan.

You can contact a Premier Relationship Manager/Financial Planning Advisor for an appointment.

**What is the tax situation?**

In order to ascertain Your exact tax status, You should seek independent professional tax advice regarding Maltese and foreign tax legislation applicable to investment in unit-linked policies, and to income and gains derived from them and from their disposal. Any statement about taxation is based on Our understanding of current law and tax practice.

The information below is a summary of the anticipated tax treatment applicable to unit holders in Malta and is based on tax law and practice currently applicable. The tax treatment is different to unit holders investing in the HLM Unit-Linked funds.

Future changes in law and taxation, or Your own financial circumstances, could affect the treatment of the unit-linked plan and the amount of tax payable.

**Unit-Linked Funds**

Gains arising or accruing on transfer or when accessing the benefits of a unit-linked Plan are subject to tax under any of the following two categories of funds:

i. **Investments in prescribed funds**
The HLM Euro Cash Fund, the HLM Malta Bond Fund and the HLM Maltese Assets Fund are classified as 'prescribed funds'. Gains or income from these funds are not subject to tax in the hands of the policyholder. However, the investment must be held in these prescribed funds for a continuous period spanning the whole life of the relevant unit-linked policy or three years from the date of the relevant maturity or transfer, whichever is the lesser.

ii. **Investments in non-prescribed funds**
HLM Funds investing in overseas underlying funds are classified as non-prescribed funds. Gains arising from these non-prescribed funds, termed as "investment income" under the Income Tax Act are taxed through a final withholding tax at source of 15% as long as the underlying funds are either licensed in Malta as a collective investment scheme under the Investment Services Act or are notified in terms of Regulation 8 of LN207 of 2004 as Undertakings for Collective Investment in Transferable Securities authorised in accordance with UCITS Directive (Council Directive 85/611/EEC). No further tax would be chargeable but any tax withheld is not available as a credit against the recipient's tax liability or for a refund, as the case may be.

Tista' wkoll tagħmel appuntament ma' *Premier Relationship Manager/Financial Planning Officer*.

**X'inhi l-pożizzjoni tat-taxxa?**

Jekk tixtieq tkun ċert dwar x'inhu eżattament l-istatus Tiegħek għall-finijiet tat-taxxa, għandek tfittex li tieħu parir mingħand professjonista indipendenti tat-taxxa dwar il-liġijiet Maltin u barranin li japplikaw għall-investiment f'poloz *unit-linked* u għad-dħul u l-qligħ derivat minnhom jew mid-disponiment tagħhom. Kull rendikont dwar tassazzjoni hu bbażat fuq il-liġijiet tat-taxxa u l-prassi li tapplika llum skont kif nifhmu Aħna.

It-tagħrif mogħti hawn taħt jiġbor fil-qosor kif wieħed jantiċipa li jkun it-trattament għall-iskop tat-taxxa li japplika għad-detenturi ta' *units* f'Malta, u huwa bbażat fuq il-liġijiet tat-taxxa u l-prassi li tapplika llum. It-trattament tat-taxxa huwa differenti għal detenturi ta' *units* li jinvestu fl-*HLM Unit-Linked funds*.

Bidliet li jistgħu jseħħu fil-liġi u fit-tassazzjoni fil-futur, jew fiċ-ċirkostanzi finanzjarji Tiegħek, jistgħu jeffettwaw it-trattament tal-pjan *unit-linked* u lill-ammont ta' taxxa li trid titħallas.

**Fondi Unit-Linked**

Qligħ li jsir jew li jkun dovut meta jkunu aċċessati l-benefiċċji ta' Pjan *unit-linked* huwa suġġett għat-taxxa taħt xi waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji ta' fondi:

i. **Investimenti f'fondi preskritti**
L-*HLM Euro Cash Fund,* l-*HLM Malta Bond Fund* u l-*HLM Maltese Assets Fund* huma kklassifikati bħala 'fondi preskritti'. Il-qligħ u d-dħul li ġej minn dawn il-fondi mhuwiex taxxabbli f'idejn id-detentur tal-polza. Imma l-investiment irid jinżamm f'dawn il-fondi preskritti għal perjodu bla waqfien tul it-terminu kollu tal-polza *unit-linked* rilevanti jew mill-anqas għal tliet snin mid-data tal-maturità jew tat-trasferiment, skont liema jgħaddi l-ewwel.

ii. **Investimenti f'fondi mhux preskritti**
*HLM Funds* li jinvestu f'bażi ta' fondi barranin huma kklassifikati bħala fondi mhux preskritti. Il-qligħ li jsir minn dawn il-fondi mhux preskritti, magħruf taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul bħala "dħul mill-investiment", huwa intaxxat permezz ta' taxxa finali ta' 15% maqtugħa minn ras il-għajn, sakemm il-fondi jkunu appoġġjati jew liċenzjati f'Malta bħala skema ta' investiment kollettiv taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment jew inkella huma notifikati skont it-termini tar-Regolament Nru 8 tal-Avviż Legali 207 tal-2004 bħala Impriżi għall-Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS) awtorizzati skont id-Direttiva tal-UCITS (Direttiva tal-Kunsill Nru 85/611/EEC). Ebda taxxa oħra ma tkun dovuta, imma t-taxxa maqtugħa ma tingħatax lura, la direttament u lanqas bħala kreditu kontra l-kont tat-taxxa tal-investitur.

In general, non-prescribed funds include:

- all non-Maltese resident funds;
- Maltese resident funds which have declared that the value of their assets situated in Malta does not amount to at least eighty-five per cent of the value of their total assets, and which are classified as such by the Commissioner of Inland Revenue.

All the unit-linked funds currently available for selection under the Retirement Pension Plan – Unit-Linked are classified under this category with the exception of the HLM Malta Bond Fund the HLM Maltese Assets Fund, and the HLM Euro Cash Fund.

**Who is eligible for tax credit?**

Policyholders aged over 18 years of age at the time that a contribution is made; and who are domiciled/resident in Malta for tax purposes.

We will issue a certificate confirming that the Retirement Pension Plan – Unit-Linked satisfies the relevant legislation to enable a tax credit to be granted.

You can opt to complete the annual self-assessment tax return and state contribution. If You do not complete a self-assessment tax return, no action is required. The Commissioner of Revenue will issue You with a tax credit equal to the lower of 25% of Your contribution and €500 or such other amount as may be prescribed from time to time. The tax credit, which will be issued by the Inland Revenue Department, can be applied either by an automatic deduction of the total tax amount payable or may be sent in the form of a cheque, depending on the type of employment. Should You have any queries in relation to the payment of the tax credit it is recommended that You speak directly to the Inland Revenue Department.

**What would happen if any of the underlying funds were to fail?**

A Fund is a mixture of different assets. The premium You pay is invested into underlying Fund/s of Your choice. The premium allows You to acquire units in the Fund/s. The value of Your units depends on the performance of the Fund/s. The performance of these Funds depends on the market value of the assets owned by these Funds. In the event of financial failure of any of these underlying assets held by the Funds, the Bid and Offer Prices of the Funds would be reduced accordingly. The Fund would however only fail completely if all of the underlying assets held by the Funds were to fail. This Retirement Pension Plan – Unit-Linked is not a protected commitment, with any adverse price movements to be borne by You.

**What would happen if any of the underlying fund managers were to become insolvent?**

Where the assets held by the Funds comprise units in Collective Investment Schemes, these may be administered by reputable fund managers. In most cases, the Collective Investment Scheme's assets are adequately ring-fenced and registered with independent custodians and are, therefore, protected against the insolvency of any such managers.

Normalment il-fondi mhux preskritti jinkludu:

- il-fondi kollha residenti li mhumiex Maltin;
- fondi residenti li huma Maltin, li ddikjaraw li l-valur tal-assi tagħhom sitwati f'Malta ma jilħaqx almenu 85% tal-valur tal-assi totali tagħhom, u li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun ikklassifikahom bħala tali.

Il-fondi kollha unit-linked li bħalissa jistgħu jintgħażlu taħt il-Pjan ta' Pensjoni tal-Irtirar – *Unit-Linked* ġew ikklassifikati f'din il-kategorija, minbarra l-*HLM Malta Bond Fund,* l-*HLM Maltese Assets Fund*, u l-*HLM Euro Cash Fund*.

**Min hu eliġibbli għall-kreditu ta' taxxa?**

Detenturi tal-polza li jkollhom iktar minn 18-il sena meta ssir kontribuzzjoni; u li għandhom residenza legali/huma residenti f'Malta għall-fini ta' taxxa.

Aħna noħorġu ċertifikat li jikkonferma li l-Pjan ta' Pensjoni tal-Irtirar – *Unit-Linked* huwa konformi mal-leġiżlazzjoni relevanti biex ikun jista' jitħallas il-kreditu ta' taxxa.

Tista' tagħżel li timla l-formula tas-*self-assessment* tat-taxxa ta' kull sena u tiddikjara l-kontribuzzjoni. Jekk Int ma timliex formula tas-*self-assessment* tat-taxxa, m'hemm bżonn isir xejn. Il-Kummissarju tat-Taxxi joħroġlok kreditu ta' taxxa daqs 25% tal-kontribuzzjoni Tiegħek, jew €500 jew ammont ieħor li jista' jkun preskritt minn żmien għal żmien, skont liema jkun l-inqas. Il-kreditu tat-taxxa, li jinħareġ mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, jista' jiġi applikat kemm bi tnaqqis awtomatiku tal-ammont totali tat-taxxa pagabbli jew jista' ukoll jintbagħat permezz ta' ċekk, skont it-tip ta' impjieg. Jekk tkun trid tistaqsi xi ħaġa relatata mal-ħlas tal-kreditu ta' taxxa huwa rakkomandat li tkellem direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

**X'jiġri jekk ifalli xi wieħed mill-fondi li fihom ikun sar investiment?**

Il-Fondi li fihom jiġi investit il-primjum li tħallas, jinvestu f'assi u Fondi oħra, li terġa' wkoll huma magħmulin minn investimenti f'għadd kbir ta' assi oħra. Bil-primjum jiġu akkwistati *units* ġol-fondi. Il-valur tal-*units* Tiegħek jiddependi minn kif imorru l-Fondi, u dan jiddependi mill-valur fis-suq tal-assi li għandhom dawn il-Fondi. Fl-eventwalità ta' falliment finanzjarju ta' xi wieħed minn dawn l-assi li hemm fil-bażi, il-Prezz tal-*Bid* u tal-*Offer* tal-Fondi jinżel skont il-każ. Madankollu, biex il-Fond jasal għal falliment totali jridu jfallu l-assi kollha li jifformaw il-bażi tal-investiment tal-Fondi kollha. Dan il-Pjan ta' Pensjoni tal-Irtirar – *Unit-Linked* mhux impenn protett, u ċaqliq mhux mixtieq fil-prezzijiet jitħallas Minnek.

**X'jiġri f'każ li xi wieħed mill-*fund managers* tal-fondi li fihom hemm investiment jaqa' fi stat ta' insolvenza?**

Fejn l-assi miżmuma mill-Fondi jikkonsistu f'*units* fi Skemi ta' Investiment Kollettiv, dawn ikunu ġeneralment amministrati minn *fund managers* ta' reputazzjoni. Fil-maġġoranza tal-każi, l-assi tal-Iskemi ta' Investiment Kollettiv huma mħarsa tajjeb u huma reġistrati ma' kustodji indipendenti u għaldaqstant għandhom protezzjoni adegwata kontra l-insolvenza ta' xi wieħed mill-*managers*.

**Do I need Central Bank approval for foreign investments?**

No. All underlying investments are owned by the Company. All the units allocated to Your Plan are thus local investments.

Summary of the HSBC Group Conflicts of Interest Policy

**The HSBC Group**

Headquartered in London, HSBC is one of the largest banking and financial services organisations in the world. HSBC's international network comprises offices in countries and territories in Europe, the Asia-Pacific region, the Americas, the Middle East, Africa and Turkey.

**Conflicts of Interest**

A Conflict of Interest ("Conflict") is a situation or arrangement where HSBC Group, or a company with which it has an association, ("HSBC") and/or any of its employees is subject to multiple influences, the competition of which might adversely affect decision-making or outcomes in the course of conducting business.

A Conflict can be due to the competition of legitimate influences (such as acting for multiple clients), or the presence of harmful ones (such as personal gain). Because it provides a wide range of services, HSBC may from time to time have interests that conflict with its clients' interests or with the duties that it owes to its clients.

Conflicts can arise between:

1. One client and another (client versus client);
2. HSBC and a client (HSBC versus client);
3. An employee and a client (employee versus client);
4. An employee and HSBC (employee versus HSBC); and/or
5. One part of HSBC and another (HSBC versus HSBC).

HSBC has established policies and procedures that are designed to identify, and prevent or manage Conflicts. Conflicts policies are reviewed at least annually. These policies and procedures include arrangements to safeguard the interests of clients.

**How HSBC deals with Conflicts**

HSBC's organisational structures are designed so that behaviour that could lead to Conflicts is not incentivised or rewarded.

Where necessary, HSBC restricts the flow of information to certain employees in order to protect its clients' interests.

**Jien għandi bżonn l-approvazzjoni tal-Bank Ċentrali biex ikolli investimenti barranin?**

Le. L-investimenti kollha tal-fondi li tidħol fihom huma proprjetà tal-Kumpanija. Il-*units* kollha allokati lill-Pjan Tiegħek b'hekk huma investimenti lokali.

Taqsira tal-Politika ta' HSBC Group dwar il-Kunflitti ta' Interess

**HSBC Group**

Bil-kwartieri ġenerali tiegħu f'Londra, l-HSBC huwa waħda mill-ikbar organizzazzjonijiet ta' għoti ta' servizzi bankarji u finanzjarji fid-dinja. In-network internazzjonali tal-HSBC jinkludi uffiċċji f'pajjiżi u territorji fl-Ewropa, ir-reġjun tal-Asja-Paċifiku, l-Amerika, il-Lvant Nofsani, l-Afrika u t-Turkija.

**Kunflitti ta' Interess**

'Kunflitt ta' Interess' ("Kunflitt") huwa sitwazzjoni jew arranġament fejn HSBC Group, jew kumpanija li għandu xi assoċjazzjoni magħha, ("HSBC") u/jew xi ħadd mill-impjegati tiegħu jkun suġġett għal ħafna influwenzi, li l-kompetizzjoni fihom tista' tħalli effett ħażin fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet jew fir-riżultati miksuba fil-proċess tat-tmexxija tan-negozju.

Kunflitt jista' jinħoloq minħabba l-kompetizzjoni bejn influwenzi leġittimi (bħal li taġixxi għal iktar minn klijent wieħed), jew minħabba l-preżenza ta' xi wħud li jagħmlu l-ħsara (bħal kisbiet personali). Minħabba li l-HSBC jipprovdi għażla wiesgħa ta' servizzi, minn żmien għal ieħor jista' jkollu interessi li jikkawżaw kunflitt mal-interessi tal-klijenti jew mad-doveri li jkollu lejn il-klijenti tiegħu.

Jistgħu jinqalgħu kunflitti bejn:

1. Klijent u ieħor (klijent versus klijent);
2. L-HSBC u klijent (l-HSBC versus klijent);
3. Impjegat u klijent (impjegat versus klijent);
4. Impjegat u l-HSBC (impjegat versus l-HSBC); u/jew
5. Parti mill-HSBC u oħra (l-HSBC versus l-HSBC).

L-HSBC stabbilixxa politiki u proċeduri mfassla biex jidentifikaw, u jipprevjenu jew jikkontrollaw il-Kunflitti. Il-proċeduri dwar il-kunflitti jiġu riveduti kull sena, tal-inqas. Dawn il-politiki u proċeduri jinkludu arranġamenti biex ikunu mħarsa l-interessi tal-klijenti.

**Kif l-HSBC jaġixxi mal-Kunflitti**

L-istrutturi organizzattivi tal-HSBC huma mfassla b'mod li mġiba li tista' twassal għal kunflitt ma tiġix inċentivata jew ma tingħatax rikonoxximent.

Fejn ikun meħtieġ, l-HSBC jillimita ċerta informazzjoni milli tgħaddi għand ċerti impjegati biex jipproteġi l-interessi tal-klijenti tiegħu.

HSBC has procedures in place to:

- Identify all types of potential Conflicts that could reasonably arise in the context of its activities;
- Maintain registers of all potential Conflicts identified;
- Prevent or manage Conflicts on an ongoing basis;
- Disclose Conflicts where appropriate; and
- Maintain evidence of all occurrences of Conflicts that cannot be managed.

**Identifying Conflicts**

Each of HSBC's Global Businesses is required to consider the types of potential Conflict relevant to the specific services and activities they carry out.

For example, potential Conflicts are considered when:

- Developing a new product;
- Establishing or amending any cross-referral, revenue sharing or joint venture arrangements; or
- Transferring businesses, activities or operations (or parts thereof) to another part of the Group.

When potential Conflicts involve clients, the assessment also takes into account whether the Group and/or any employee:

- Is likely to make a financial gain or avoid a financial loss at the expense of any client;
- Has an interest in the outcome of a service provided to a client, or of a transaction carried out on behalf of the client, which is distinct from the client's interest in that outcome;
- Has a financial or other incentive to favour the interest of one client (or group of clients) over another;
- Carries on the same business as the client; and/or
- Receives or will receive an inducement in relation to a service provided to the client from a person other than the client.

HSBC maintains internal registers, documenting and evaluating all identified potential Conflicts. These registers also record the controls in place to prevent or manage each type of Conflict, and are subject to regular oversight and review by HSBC senior management.

**Preventing or managing Conflicts**

HSBC structures the remuneration, deployment and management of employees in a way that minimises Conflicts.

**Conflicts clearing procedures ensure that, where necessary, potential Conflicts are escalated and managed before HSBC is committed to a transaction.**

In some cases, HSBC will consider declining to act for one of more clients. For example, if:

- A Conflict is too great;
- Confidentiality obligations prevent adequate disclosure (see Disclosure, below); and/or

L-HSBC għandu l-proċeduri lesti biex:

- Jidentifika t-tipi kollha ta' Kunflitti potenzjali li b'mod raġunat jistgħu jinqalgħu fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu;
- Iżomm reġistri ta' Kunflitti potenzjali identifikati;
- Jittratta jew iwaqqaf milli jinqalgħu l-Kunflitti kontinwament;
- Jikxef il-Kunflitti fejn ikun xieraq; u
- Iżomm evidenza ta' meta jinqalgħu l-Kunflitti li ma jistgħux jiġu ttrattati.

**L-Identifikazzjoni tal-Kunflitti**

Kull wieħed mill-Global Businesses tal-HSBC jeħtieġ li jikkunsidra t-tipi ta' Kunflitti relevanti għas-servizzi u l-attivitajiet speċifiċi li jagħmel.

Pereżempju, titqies il-possibbiltà ta' Kunflitt potenzjali meta:

- Ikun żviluppat prodott ġdid;
- Meta jkunu qed jiġu stabbiliti jew emendati arranġamenti cross-referral, fejn jidħol il-qsim tad-dħul jew arranġamenti ta' impriża konġunta; jew
- It-trasferiment tan-negozji, attivitajiet jew ħidmiet (jew partijiet minnhom) f'parti oħra tal-Grupp.

Meta Kunflitti potenzjali jinvolvu lill-klijenti, l-assessjar iqis ukoll jekk il-Grupp u/jew xi impjegat tiegħu:

- Jistax jikseb dħul finanzjarju jew jevita telf finanzjarju spejjeż ta' xi klijent;
- Għandux xi interess fir-riżultat ta' servizz ipprovdut lil klijent, jew ta' tranżazzjoni mwettqa f'isem il-klijent, li huwa separat mill-interess tal-klijent f'dak ir-riżultat;
- Għandux xi inċentiv finanzjarju jew xi inċentiv ieħor favur l-interess ta' klijent wieħed (jew grupp ta' klijenti) fil-konfront tal-oħrajn;
- Iħaddimx l-istess negozju bħal tal-klijent; u/jew
- Jirċevix jew hux se jirċievi xi tħajjir b'rabta ma' servizz ipprovdut lill-klijent minn xi ħadd li mhux il-klijent stess.

L-HSBC iżomm reġistri interni, li jiddokumentaw u jevalwaw il-Kunflitti potenzjali identifikati kollha. Dawn ir-reġistri jżommu kont ukoll tal-kontrolli li jsiru biex jiġu ttrattati t-tipi kollha ta' Kunflitti jew jitwaqqfu milli jinqalgħu, u huma suġġetti għal sorveljanza u reviżjoni regolari mis-senior management tal-HSBC.

**Kif jiġu ttrattati jew imwaqqfa milli jinqalgħu l-Kunflitti**

L-HSBC jistruttura r-rimunerazzjoni, it-tqassim u l-immaniġġjar tal-impjegati b'mod li jiġu minimizzati l-Kunflitti.

**Il-proċeduri li jeliminaw il-Kunflitti jassiguraw li, fejn hu meħtieġ, Kunflitti potenzjali jeskalaw u jiġu ttrattati qabel ma l-HSBC jintrabat bi tranżazzjoni.**

F'xi każi, l-HSBC jista' jikkunsidra li ma jirrappreżentax lil xi klijent, jew lil iktar minn wieħed. Pereżempju jekk:

- Kunflitt ikun kbir wisq;
- L-obbligi tal-kunfidenzjalità ma jħallux li tiġi żvelata ċerta informazzjoni (ara l-Għoti tal-Informazzjoni, hawn taħt); u/jew

- Informed consent cannot be obtained, or is an insufficient control to manage a Conflict.

A dedicated Conflicts Management Office, reporting to the Regulatory Compliance department, is the point of escalation for significant Conflicts, and resolution of cross-business Conflicts brought to its attention. Written reports on the services and activities reflected in the Registers of Conflicts are presented to senior management of the Group at least annually.

**Disclosure**

HSBC may make general disclosures to clients about certain types of potential Conflicts, explaining how such Conflicts are managed (for example, through separation of businesses or measures to prevent unauthorised sharing of confidential information) to mitigate the risk of damage to clients' interests.

However, where HSBC has used all reasonable efforts to prevent or manage a Conflict, but the risk of damage to a client interests remains, a specific disclosure about the presence of a Conflict will be made to the client.

Specific disclosures will be made prior to the conclusion of a contract, in a durable medium, and include sufficient detail, taking into account the nature of the client, to enable that client to take an informed decision.

At times, a duty of confidentiality to one client might limit the disclosures that can be made to another.

**Employees**

HSBC requires its employees to apply good judgement and act with integrity, taking all appropriate steps to:

1. Avoid personal Conflicts (for example, in their personal account dealings); and
2. Proactively escalate personal Conflicts that do arise.

No employee is permitted to advise a client on any matter in which they have a personal interest, nor take commercial decisions on behalf of the Group if those decisions are connected to their personal or external business affairs until steps have been taken to satisfactorily manage the Conflict.

HSBC will take all reasonable steps to identify, and prevent or manage, Conflicts of Interest.

**Ownership and Group structure**

The Company is a wholly owned subsidiary of HSBC Bank Malta p.l.c., the registered address of which is 116, Archbishop Street, Valletta, Malta. The Company's ultimate parent Company is HSBC Holdings p.l.c., the registered office of which is 8, Canada Square, London E14 5HQ, United Kingdom. The proportion of ownership interest held in the Company by HSBC Holdings p.l.c. is 70.03% and HSBC Bank Malta p.l.c. ("HBMT") is 100%. The proportion of voting rights is the same.

- Ma jistax jinkiseb kunsens b'mod infurmat, jew mhux biżżejjed biex ikun ikkontrollat Kunflitt.

L-Uffiċċju tat-Tħaddim tal-Kunflitti apposta, li jirrapporta lid-dipartiment tal-Konformità Regolatorja, huwa l-punt fejn jeskalaw Kunflitti sinifikanti, u huwa l-post fejn jinġiebu għall-attenzjoni r-risoluzzjoniijiet ta' Kunflitti cross-business. Jiġu ppreżentati rapporti miktubin fuq is-servizzi u l-attivitajiet riflessi fir-Reġistri tal-Kunflitti lis-senior management tal-Grupp kull sena, tal-inqas.

**L-għoti tal-informazzjoni**

L-HSBC jista' jagħti informazzjoni b'mod ġenerali lill-klijenti dwar ċerti tipi ta' Kunflitti potenzjali, filwaqt li jispjega kif inhuma ttrattati dawn il-Kunflitti (pereżempju, permezz ta' separazzjoni bejn in-negozji jew miżuri li ma jippermettux li tinqasam informazzjoni kunfidenzjali mingħajr awtorizzazzjoni) biex inaqqsu r-riskju li ssir il-ħsara lill-interessi tal-klijenti.

Madankollu, fejn l-HSBC ikun uża l-isforzi kollha b'mod raġonevoli biex jittratta Kunflitt jew iwaqqfu milli jinqala', iżda xorta jibqa' r-riskju li ssir il-ħsara lill-interessi tal-klijent, tiġi żvelata lill-klijent informazzjoni speċifika rigward il-preżenza ta' Kunflitt.

Dan l-iżvelar speċifiku jsir qabel ma jiġi konkluż kuntratt, b'mezz li jibqa', u jinkludi biżżejjed dettall, filwaqt li jqis in-natura tal-klijent, biex iwassal lill-klijent biex jieħu deċiżjoni infurmata.

Xi drabi, id-dmir tal-kunfidenzjalità lejn xi klijent jista' jillimita l-iżvelar tal-informazzjoni lil klijent ieħor.

**Impjegati**

L-HSBC jeħtieġ li l-impjegati tiegħu japplikaw ġudizzju tajjeb u jaġixxu b'integrità, filwaqt li jieħdu l-passi xierqa biex:

1. Jevitaw Kunflitti personali (pereżempju, fit-tħaddim tal-kont personali tagħhom); u
2. Jeskalaw b'mod proattiv Kunflitti personali li jinqalgħu.

L-ebda impjegat m'għandu permess jagħti parir lil xi klijent fuq xi kwistjoni li fiha għandu interess personali, u lanqas jista' jieħu deċiżjonijiet kummerċjali f'isem il-Grupp jekk dawn id-deċiżjonijiet huma relatati ma' kwistjonijiet personali jew esterni sakemm ma jitteħdux passi biex jiġi ttrattat il-Kunflitt b'mod sodisfaċenti.

L-HSBC jieħu l-passi raġonevoli kollha biex jidentifika, u jittratta jew iwaqqaf milli jinqalgħu Kunflitti ta' Interess.

**Pussess u struttura tal-Grupp**

Il-Kumpanija hija sussidjarja proprjetà sħiħa ta' HSBC Bank Malta p.l.c., bl-uffiċċju reġistrat f'116, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta, Malta. Il-parent company aħħarija hija HSBC Holdings p.l.c., bl-uffiċċju reġistrat fi 8, Canada Square, Londra E14 5HQ, ir-Renju Unit. Il-proporzjon ta' interess f'pussess miżmum fil-Kumpanija minn HSBC Holdings p.l.c. huwa 70.03% u minn HSBC Bank Malta p.l.c. ("HBMT") huwa 100%. Il-proporzjon tad-drittijiet tal-voti huwa l-istess.

**The Packaged Retail and Insurance-based Investment Products Regulation ("PRIIPs Regulation")**

The Packaged Retail and Insurance-based Investment Products Regulation ("PRIIPs Regulation") came into force on 1 January 2018. This stipulates that HSBC Life Assurance (Malta) Ltd is to produce a pre-contractual Key Information Document ("KID"). The Regulation is intended to make it easier for retail investors to understand and compare the key features, risk, rewards and costs of different products in scope of PRIIPs through the provision of the KID. This is a free-of-charge stand-alone document which is to be shared with the investor prior to the conclusion of any transaction.

The main goal of the PRIIPs Regulation is to enhance investor protection standards for retail clients. In line with the regulation the KID is updated on a regular basis. To view these documents please visit www.hsbc.com.mt then click on Investing > Savings, pensions and investments > Key Information Document.

**Il-Packaged Retail and Insurance-based Investment Products Regulation ("PRIIPs Regulation")**

Il-Packaged Retail and Insurance-based Investment Products Regulation ("PRIIPs Regulation") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018. Dan jistipula li HSBC Life Assurance (Malta) Ltd għandha tipproduċi Dokument ta' Karatteristiċi Ewlenin (Key Information Document, ("KID") prekuntrattwali. Ir-Regolament huwa intenzjonat li jagħmilha iżjed faċli għall-investituri fil-livell ta' konsumatur biex jifhmu u jqabblu l-karatteristiċi ewlenin, ir-riskju, il-ħlasijiet bi premju u l-ispejjeż ta' prodotti differenti fl-ambitu tal-PRIIPs permezz tal-KID. Dan huwa dokument indipendenti li jingħata b'xejn u għandu jinqasam mal-investitur qabel ma tiġi konkluża kwalunkwe tranżazzjoni. L-iskop prinċipali tar-Regolament PRIIP huwa biex itejjeb l-istandards ta' protezzjoni tal-investitur għal klijenti fuq livell ta' konsumatur.

Skont ir-regolament, id-Dokument ta' Karatteristiċi Ewlenin ikun aġġornat fuq bażi regolari. Biex tara dawn id-dokumenti jekk jogħġbok żur www.hsbc.com.mt u agħfas fuq Investing > Savings, pensions and investments > Key Information Document.

HSBC Life Assurance (Malta) Ltd (Registered Office: 80, Mill Street, Qormi QRM 3101 Malta. Company No: C18814) is regulated and authorised by the MFSA (Malta Financial Services Authority, Notabile Road, BKR3000, Attard, Malta) to carry on long term business of insurance under the Insurance Business Act 1998. HSBC Bank Malta is enrolled as a Tied Insurance Intermediary for HSBC Life Assurance (Malta) Ltd under the Insurance Distribution Act, (Cap 487 of the Laws of Malta). (Registered Office: 116, Archbishop Street, Valletta VLT 1444. Company No: C3177).

HSBC Insurance is a trading name used worldwide by the insurance businesses of the HSBC Group, including HSBC Life Assurance (Malta) Ltd which has issued this document.

Approved and issued by HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.
80, Mill Street, Qormi QRM 3101, Malta

www.hsbc.com.mt

Customer Service: Premier: 2148 9100 / Advance: 2148 9101 /
Other: 2380 2380

(Ref No. 111228– 09/20)

HSBC Life Assurance (Malta) Ltd (Uffiċċju Reġistrat: 80, Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, QRM 3101 Malta. Numru tal-Kumpanija: C18814) hija regolata u awtorizzata mill-Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Triq Notabile, Attard, BKR3000, taħt l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni tal-1998 biex tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni fit-tul. HSBC Bank Malta huwa intermedjarju tal-assigurazzjoni marbut ma' HSBC Life Assurance (Malta) Ltd taħt l-Att dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni , (Kap 487 tal-Liġijiet ta' Malta.) (Uffiċċju Reġistrat: 116, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta VLT 1444. Nru tal-Kumpanija: C3177).

HSBC Insurance huwa isem kummerċjali użat fuq livell dinji min-negozju tal-assigurazzjoni ta' HSBC Group, inkluż HSBC Life Assurance (Malta) Ltd, li ħarġet dan id-dokument.

Approvat u maħruġ minn HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.
80, Triq il-Mitħna, Ħal Qormi QRM 3101, Malta

www.hsbc.com.mt

Servizz tal-Konsumatur: Premier: 2148 9100 / Advance: 2148 9101 /
Oħrajn: 2380 2380